**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Jannar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 231 / 14RGM

Kawza fil-lista: 9

**Y X**
**vs**
**F W**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur datat 14 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' April 2002 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg.

2. Illi z-zwieg kien ivvizjat stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-parti l-ohra kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet jew d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara null u bla effett ghall- finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' April, 2002.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur mahluf fl-14 ta’ Ottubru 2014;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2016 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Barbera O’Brien bhala Assistent Gudizzjaraju;

Rat l-affidavit ta’ Mons. Anton Borg anness ma' nota pprezentata fis-6 ta’ April 2017;

Rat l-affidavit ta’ Y X, Eric X, Michelle Christine Grixti u Duncan Deguara annessi ma’ nota pprezentata fis-16 ta’ Marzu 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2017 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**L-attur, Y X,** fl-affidavit tieghu mahluf fl-14 ta’ Ottubru 2014,[1] iddikjara li ltaqa’ mal-konvenuta F W fil-festa ta’ San Giljan meta hu kellu 17-il sena u hi kellha 13-il -sena, t-tnejn kienu attivi fil-festa u bdew jiffrekwentaw lill-xulxin. Bdew johorgu flimkien bhala hbieb, pero’ il-genituri ta’ F ma kellhomx grazzja mieghu, tant li ommha kienet thajjar guvintur ohra biex jikellmuha u titlaq lilu. Hu jghid li ma jafx x’kienet r-raguni ghalhiex l-genituri taghha ma kellhomx pjacir bih.

Kienu johorgu flimkien, pero' ma kienx ihobbha izda kien jfittex il-kumpanija taghha. Ta' dik l-eta’ ma kienx jaf xi tfisser l-imhabba u kien jippreferi l-kumpanija tal-hbieb milli taghha. Hu ma kienx jaf xi tfisser familja billi hu kien jghix man-nanna peress li l-genituri tiehu kienu separati. Karin ukoll ma kinitx kuntenta d-dar billi l-genituri taghha qatt ma riedu lill-attur johrog ma’ F.

Jghid li tant ma kinux jinhabbu li kien jevita l-intimita’ sesswali ma’ F, billi waqt li kien mizzewweg maghha kien jiffrekwenta nisa ohra. Hi ukoll ma kinitx turi li kellha interess fih.

Hu jghid li kienu mizzewgin ghal ghajn n-nies biss; ma jafx xi tfisser l-hajja mizzewwga, ghalih zwieg iffisser li jghix ma' mara u jaghtiha l-paga. Kienu jghixu man-nanna, ma kellhomx interess li jghammru d-dar u zzewwgu billi F ma

[1] Fol 3.

kinitx kuntenta d-dar ghand ommha. Anke oht F kienet telqet mid-dar ta' ommha u marret tghix go istitut.

Jghid li ma kellux mhabba lejn F, l-istess jista' jghid fuqha billi kien jissuspetta li anke F kienet tiffrekwenta rgiel ohra. Fil-hajja mizzewga taghhom dejjem kellhom il-problemi billi ghalkem kienu mizzewwgin il-familja taghha baqghu qatt ma kienu kuntenti bih, kienu dejjem jargumentaw u F kienet dejjem taghti r-ragun lil ommha.

Iz-zwieg taghhom dam biss tlett snin u billi ma kienux jinhabbu ddecidew li jisseparaw. Finalment iddikjara li kieku kien jaf verament x'kien iffisser iz-zwieg u x'kien il-karattru ta' F zgur li ma kienx jaghmel dan il-pass.

**Mons. Anton Borg,** fl-affidavit tieghu mahluf fl-4 ta' April 2017,[2] iddikjara li ltaqa' u tkellem diversi drabi mal-attur dwar z-zwieg tieghu ma' F, huma ghadhom jiltaqghu ta' spiss billi l-attur jattendi ghall-quddiesa tal-Hadd fl-Istitut tal-Familja Ghawdex fejn iqaddes hu. Kien sar jafu xi disa' snin qabel meta l-attur kien beda jibni relazzjoni ma' Louise Camilleri li x-xhud kien jsegwiha fis-separazzjoni u annullament taghha. Wara li tkellem mal-attur ix-xhud ikkonvinca ruhu li l-attur ma kienx jaf xi jfisser tiehu l-impenji taz-zwieg b'responsabilita', b'onesta' u fedelta. Hu qatt ma' ltaqa' ma' F u dak li jaf dwarha sar jafu mill-attur. Ix-xhud iddikjara li l-attur kien qallu li ma kienx mhejji sewwa ghaz-zwieg, li ma kienx fidili ma' martu, li l-imhabba ma kinitx r-raguni taz-zwieg tieghu u li zzewwgu biex jikkuntentaw lill-genituri taghhom. Ix-xhud ghamilha cara mal-attur li jekk kien ser jidhol f'relazzjoni ma' Louise bl-istess mentalita' jkun ahjar li jwaqqaf kollox. Jidher li kif iddikjara l-istess attur z-zwieg tieghu ma' F ma kellux il-fundament baziku tal-imhabba u l-attur ma hax bis-serjeta' l-impenji konjugali.

**Eric X, hu l-attur**, fl-affidavit tieghu mahluf fis-16 ta' Jannar 2015,[3] iddikjara li kien ilu jaf lil F minn meta kienet gharusa ma' huh. L-ewwel darba li ltaqa' maghha kienet f'xi ikla tal-Milied. Jghid li F kienet persuna stramba u li qatt ma' kellu jew seta' jikkomunika maghha. Huh u F kien jkollhom argumenti ta' spiss billi huh kien jmur jiftah qalbu mieghu. L-gherusija taghhom ma kinitx wahda trankwilla u dan x-xhud kien jafu billi anke f'dak iz-zmien huma kienu jabitaw ghand in-nanna. Ix-xhud jghid li ma kienx joghgbu l-komportament provokattiv u l-kunfidenzi zejda mal-irgiel da parti ta' F. Dan skond x-xhud jikkonferma li ma kellhomx relazzjoni tajba.

L-uniku svog li kellu u ghad ghandu huh, l-attur, kienu il-karozzi, izda dan kien johloq hafna argumenti u glied bejniethom. F kienet persuna li ma thalli lil hadd

[2] Fol 56.
[3] Fol 64.

jindahlilha u huh ma seta' jaghmel xejn biha. Hu ddikjara li F ma kinitx il-persuna li huh kellu jizzewweg billi fiz-zmien l-gherusija kienet tmur ma' rgiel ohra, kif ghamlet ukoll wara z-zwieg. Huh u F baqghu ghal xi zmien jabitaw ghand in-nanna, fejn kien ikollhom argumenti serji ta' spiss u n-nanna, mara anzjana kienet tipprova tirranga s-sitwazzjoni. Fil-fehma tieghu huh qatt ma messu iffrekwenta lil F u aghar minn hekk jizzewwigha.

**Michelle Christine Grixti, oht il-konvenuta,** fl-affidavit taghha mahluf fit-12 ta' Marzu 2015,[4] iddikjarat li fil-familja huma erba' bniet, u F hi xi erba' snin izghar minnha. F bdiet tiffrekwenta lil Y meta kellha xi dsatax-ilsena. Ix-xhud qalet li hi lil Y kienet tafu qabel billi meta kienu zghar kienu skola flimkien. Y u ohtha kienu dejjem jargumentaw u Y billi hu bniedem ferriehi dejjem xtaq li jzomm relazzjoni tajba ma' ohtha.

Ix-xhud issemmi incident li gara meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes meta Y kien wassalha Marsaxlokk biex tiltaqa'ma Paul, illum ir-ragel taghha. F kienet qalet argument 'li jien kont qeghda naqlibilha ma' Y' li ma kien minnu xejn, u biex iggellidha ma' Paul, F marret tghidlu. Dan kien il-karattru ta' F.

F kienet tghir hafna ghal Y waqt l-gherusija u kien jkollhom argumenti kbar tant li kienu jaghmlu granet shah ma jitkellmux.

Ix-xhud tghid li telqet mid-dar ta' ommha billi riditha thassar ma' Paul u tibda tohrog ma' guvni li kien joghgob lilha. Kien ghalhekk li x-xhud marret tghix fl-Istitut Fatima House f'Tas-Sliema.

F izzewwget meta kellha 21 sena u kienet qaltilha li riedet tizzewweg biex tehles minn ommha billi kienu dejjem jargumentaw. Ix-xhud kienet qalet lil F li ma kinitx ser taghmel pass tajjeb li tizzewweg lil Y, billi kienet ghadha zghira fl-eta', ma kienux jaqblu, u t-tnejn kienu jiffrekwentaw persuni ohra. F pero' baqghet tinsisti li riedet titlaq mid-dar ta' ommha. Kienet anke darba qaltilha biex tirrangalha tmur tghix fl-Istitut.

Hi ddikjarat li ma kinitx f'posizzjoni li tikkumenta dwar l-hajja mizzewga taghhom billi kienet qatghet kull kuntatt maghhom.

**Duncan Deguara, habib tal-attur**, fl-affidavit tieghu mahluf fit-12 ta' Marzu 2015,[5] ddikjara li ilu snin jaf lill-attur u jafu sew billi kienu hbieb johorgu flimkien u kellhom hbieb komuni. Jghid li Y hu bniedem ferriehi u hu ta' pjacir li tkun fil-kumpanija tieghu. Y kien jiftah qalbu mal-hbieb meta kien jkollu xi argument, li kien jkun ta' spiss, ma' F.

[4] Fol 65.
[5] Fol 66.

Ix-xhud kien jghidlu li ma kellux ifittex persuna bil-karattru bhal ta' F ghax ma kienux jaqblu u kien qed jahli il-hin tieghu u taghha. Pero' hu kien jghid li ma jitlaqhiex ghax jinkwieta lin-nanna li kienet dratha.

Meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes u l-hbieb kienu johorgu man-nisa F dejjem kienet ggib xi skuza, jew ghax ikunu ghadhom kif iggieldu, u Y kien jispicca johrog wahdu mal-hbieb u kien ikollu l-kumpanija ta' nisa ohra.

Y kien imdejjaq hafna bis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha, billi hu kien dejjem jghix man-nanna peress li l-genituri tieghu kienu separati u n-nanna dejjem riditu jizzewweg biex isserrah mohhha li Y ghandu mara tiehu hsiebu. Ix-xhud kien ta' spiss jghid lil Y li dik ma kinitx hajja, billi l-partijiet kienu flimkien biex jghidu li qeghdin flimkien billi kemm Y kif ukoll F kienu jiffrekwentaw nisa u rgiel ohra.

Ix-xhud jghid "Illi fiz-zwieg taghhom tista' tghid li F u Y kienu diga' koppja separati bil-hajja li kienu qeghdin jghixu."

**KONSIDERAZZJONIJET.**

L-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta ccelebrat fit-13 ta' April 2002 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra, skont l-artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255, u billi l-kunsens tal-parti l-ohra kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet jew d-dmirijiet essenzjali taghha skont l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuta giet notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, pero' ma ipprezentat ebda risposta. Hi attendiet ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[6] F'dik s-seduta, pero' ma nstemghux provi billi l-legali tal-attur talbet differiment billi kienet rikoverata l-isptar. Il-konvenuta ma kinitx prezenti ghal xi wahda mis-seduti sussegwenti u ghalhekk baqghet ma xehditx la 'viva voce' u l-anqas bil-procedura tal-affidavit.

Mill-affidavit tal-attur u tax-xhieda minnu prodotti, jirrizulta li ghalkemm il-partijiet izzewgu ma kienux jinhabbu, ma kienux fidili lejn xulxin u zzewwgu ghar-ragunijt hziena, l-konvenuta ghax ma riditx tibqa' tghix ma ommha, u l-attur ghax n-nanna, li kienet rabbietu, kienet drat lill-konvenuta, li kienet gia' tghix mal-attur u n-nanna tieghu qabel z-zwieg.

Il-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardi necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li

[6] Fol 48 u 49.

resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi soretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal:

*"F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu iz-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din d-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor.*

*Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju".*

Fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 ntqal;

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega".*

Dwar il-validita' tal-kunsens, fil-kawza fl-ismijiet "**Lawrence Attard vs George Attard"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2011 ntqal:

*"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni……..Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".*

Fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal:

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubbju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett….*

*Ghall-Qorti n-nullita' hi haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Ikkunsidrat;

L-attur qed isejjes il-kawza minnu proposta fuq l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255:-

"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

-omissis-

(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix- xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga;

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;"

**Nullita' taht l-Artikolu 19(1) (c).**

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew li l-elementi mehtiega biex tirrizulta n-nullita' taht dan is-subincis jinhtieg li jinkonkorru b'mod kumulattiv is-segwenti rekwiziti:

" (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;
(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;
(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u
(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".

Fil-kawza fl-ismijiet **"Stephen Sciberras vs Avv Francesco Depasquale et nomine**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 ntqal is-segwenti dwar l-elementi li jikkostitwixxu dan il 'caput nullitatis':

"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':

1. Tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;

2. Tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;

3. Tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;

4. Ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;

5. Tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottenut il-kunsens matrimonjali;

6. Trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Marica D'Amato vs Philip D'Amato"** ntqal:

*"Meta il-ligi titkellem 'dwar xi kwalita' tal-persuna l-ohra' wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita', kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor. Dan dejjem b'referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta' dik il-verita' dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg".*

Fil-kawza fl-ismijiet **"Pierina Micallef vs Bentanfous Amor"** dwar il-qerq fil-kuntest tal-kunsens matrimonjali ntqal:

*"Kwantu ghal 'qerq' prospettat fis-subincis (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap 255, dan certament hu mottiv ta' nullita' tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddiponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-ghemil doluz pero' ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi ppruvat (Artikolu 981(2))..... "Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta'" (Vol.XXIV P11 p 578)".*

Ikkunsidrat;

Fil-kawza odjerna l-attur jallega li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. L-allegazzjoni qed issir fil-konfront taz-zewg partijiet, dan iffisser li l-attur jikkontendi li gie ngannat mill-konvenuta li kellha xi kwalita' li ma qaltlux biha u li hu skopra wara z-zwieg, kwalita' li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; l-istess japplika ghalih fil-konfront tal-konvenuta, cioe' li ingannha billi kellu xi kwalita' u li ma qalhiex biha, biex jkun jista' jottjeni il-kunsens taghha.

Dan pero' b'ebda mod ma rrizulta mill-provi. Il-konvenuta l-anqas biss xehdet f'din il-kawza u ghalhekk ma jistax jinghad li ghamlet xi allegazzjoni li giet ingannata mill-attur, dwar xi kwalita' li kellu u li fixklet serjament il-hajja mizzewga; l-atturipprezenta affidavit, izda imkien ma jallega li gie ingannat mill-konvenuta, dwar xi kwalita' partikolari li kellha u dolozament ma qaltlux biha specifikatament biex tottjeni il-kunsens matrimonjali tieghu.

Il-provi prodotti f'din il-kawza huma partikolarment skarsi u modesti, b'dana kollu mill-ftit li rrizulta zgur li ma tissahhahx din l-allegazzjoni, anzi l-indikazzjonijiet huma fil-kuntrarju.

L-attur ma jistax jghid li ma kienx jaf sew lill-konvenuta meta jibda l-affidavit tieghu billi jiddikjara li ltaqa' maghha u ilu jafha min meta hu kellu 17 il-sena u hi kellha 13 il-sena. Kellhom punti ta' konvergenza, li kienet r-raguni li ltaqghu, cioe` li t-tnejn kienu attivi fil-festa ta' San Giljan. Anke membri tal-familja tal-konvenuta kienu ilhom s-snin jafu lill-attur. Oht il-konvenuta, Michelle Christine Grixti ddikjarat li ilha taf lill-attur minn mindu kienu ghadhom tfal billi kien l-iskola flimkien.

L-attur jilmenta mill-fatt li l-genituri tal-konvenuta ma kienux kuntenti bih, li hu ma kienx jaf xi tfisser l-imhabba ghax kien jghix man-nanna, u li kien jevita l-att sesswali mal-konvenuta, li ma kienux jinhabbu, u dan ghaliex kellu nisa ohra, pero' fl-istess nifs jghid li kien joqghod attent li F ma tohrogx tqila.[7]

L-attur f'ebda mument ma jilmenta min xi kwalita' tal-konvenuta, inerenti ghal persuna taghha, li hu skopra wara z-zwieg u li hi dolozament hbiet minnu biex tottjeni il-kunsens tieghu fiz-zwieg. In fatti hu jghid li spiccaw biex izzewgu billi kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin u ddikjara:

"Illi ghalhekk gejna f'sitwazzjoni fejn jien u F izewwigna f'April 2002".

Il-partijiet iltaqghu meta l-attur kellu 17 il-sena u l-konvenuta kellha 13 il-sena, cioe' fin-1994. Huma kienu digja jikkoabitaw qabel izzewgu u sakemm izzewgu kienu ilhom jafu lil xulxin ghal 12-il sena.

B'ebda mod ma rrizulta mill-provi li xi wahda mill-partijiet kellha xi kwalita' tant gravi, mhiex maghrufa lill-parti l-ohra, li fixklet serjament il-hajja mizzewga u li b'qerq kull parti hbiet din il-kwailita' mill-parti l-ohra.

Iz-zwieg ghalhekk ma jistax jitqies li hu null ai termini tas-subinciz (c) tal-Artikolu 19(1). Ghalhekk it-talba tal-attur in kwantu msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 155 qed tigi respinta.

**Nullita' taht l-Artikolu 19(1)(d).**

Iz-zwieg skont dan l-artikolu jista' jigi dikjarat null:

[7] Fol 3.

“(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.

L-attur f’din il-kawza qed jallega li l-kunsens tal-konvenuta, u mhux tieghu, kien ivvizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew d-drittijiet u d-dmirijiet taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet **“Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Ottubru 2000 ntqal li jkun hemm id-difett serju tad-diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, “fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk ma hux semplicement nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati- in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta’ indecizjoni jew dubbju dwar ghazla tal-istat tal-hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(d) irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali” **(Emmanuel Camilleri vs Carmen Camilleri** P.A. 10 ta’ Novembru 1995)

Il-Qrati taghna dejjem irritenew dwar d-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, li mhux kwalunkwe stat ta’ immaturita’ fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

**Fil-kawza fl-ismijiet “Mario Mizzi vs Maris Mizzi”** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Novembru 2005 ntqal:

“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew l-liberta’ tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”.

Fil-kawza odjerna l-attur mhux qed jallega li z-zewg partijiet kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq d-drittijiet u d-dmirijiet fiz-zwieg, izda li l-

konvenuta biss kellha dan d-difett. Dan ifisser li dak kollu li ddikjara l-attur fl-affidavit tieghu dwar dak li hu kien jifhem li jfisser zwieg, li l-hajja mizzewga ma kienx jaf xi tfisser, jew li ghalih z-zwieg iffisser li 'tghix ma mara u taghtiha l-paga' jsir kollu irrelevanti ghall-fini ta' din il-kawza billi proceduralment il-kawza trid tigi deciza fil-parametri tat-talba tal-attur. Jinhtieg ghalhekk li ssir il-prova li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b'dan id-difett. Il-konvenuta ma pproduciet l-ebda prova. Dak li rrizulta dwar il-konvenuta mill-provi tal-attur hu insufficjenti ghall-ahhar u certament ma jaghti l-ebda indikazzjoni dwar il-fakolta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva taghha, wisq anqas xi prova konklusiva li hi ma kellhiex din il-fakolta' fil-mument tal-ghoti tal-kunsens.

L-attur fl-affidavit tieghu jghid "Nghid ukoll li l-familja ta' F, apparti li lili qatt ma' rieduni nohrog ma' F l-anqas hi ma kienet kuntenta id-dar".

Il-fatt, del resto, li l-konvenuta ma kinitx kuntenta d-dar, ma jfissirx li ma kinitx taf x'jfisser zwieg u x'hin huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' kull parti fiz-zwieg. Kif jirrizulta mid-decizjonijiet citati 'supra', anke jekk kien hemm nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni, jew li ttiehdu decizjonijiet zbaljati, dawn ma jammontawx ghal difett serju tad-diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fis-subinciz (d) tal-Artikolu 19(1). Ma jistax jinghad f'dan il-kaz li rrizulta li l-konvenuta kellha 'xi impulsi interni li nehhewlha l-liberta' tal-ghazla'.

Il-fatt li z-zwieg tal-partijiet tkisser ma jfissirx li l-kunsens ta' parti jew tal-partijiet kien vizzjat.

Ghalhekk it-talba tal-attur li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 ma gietx ppruvata u qed tigi michuda.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta, tichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**